**QORTI TAL-APPELL**
**(Sede Inferjuri)**
**Għawdex**

**Onorevoli Imħallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Appell numru: 7/2018/1**
**Wara sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Inferjuri**
**datata l-1 ta' April, 2022**

**Adeodato Spiteri**

**vs.**

**Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili**

**Illum 7 ta' Lulju, 2023**

**Il-Qorti;**

1. Illi dan huwa appell minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Inferjuri datata l-1 ta' April, 2022 fejn ġie deċiż kif isegwi:

'Għal dawn ir-raġunijiet kollha u l-motivi ġa espressi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha.

Tilqa' t-talbiet attriċi u tordna lid-Dipartiment konvenut iħallas lill-attur is-somma komplessiva ta' erbatax-il elf mitejn u sittax-il ewro (€14,216) in kwantu s-somma ta' ħdax-il elf mitejn u sittax-il ewro (€11,216) rappreżentanti ħlas għal sigħat ta' xogħol li huma parti mir-*roster* tax-xogħol tal-attur u s-somma ta' tlett elef ewro (€3,000) rappreżentanti spejjeż legali li l-attur inkorra fil-kuntest tal-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu u li minnhom ġie liberat.

Tordna illi l-ispejjeż ta' din il-kawża jitħallsu kollha mid-Dipartiment konvenut.'

2. Illi s-sentenza appellata ngħatat wara li l-appellat Adeodato Spiteri fl-Avviż promotorju tiegħu talab illi jitħallas is-somma ta' ħdax-il elf mitejn u sittax-il euro (€ 11,216) rappreżentanti telf ta' *allowances*, siegħat *rostered*, *government bonuses*, *cost of living adjustments* u *leave* għall-perjodu mid-data tas-sospensjoni tiegħu mid-Dipartiment intimat sat-2 ta' Jannar 2017 u dan stante illi huwa ġie liberat minn kull akkuża li saret fil-konfront tiegħu b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Peter Paul Mercieca et'. L-attur

kien sospiż mis-sitta (6) ta' Diċembru 2015 sat-tnejn (2) ta' Jannar 2017. Talab ukoll li d-Dipartiment intimat jiġi kundannat iħallas l-ispejjeż legali tar-rikorrent allegatament inkorsi fil-każ kriminali hawn fuq indikat. Żied li fi kwalunkwe każ l-ammont totali mitlub ma jaqbiżx il-kompetenza tal-Qorti u bl-ispejjeż.

3. Illi permezz tar-risposta tiegħu id-Dipartiment intimat appellant eċċepixxa kif isegwi:

1. 'Illi fil-mertu, il-pretensjonijiet vantati mir-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għaldaqstant għandhom jiġu miċħuda;

2. Illi l-attur kien sospiż mill-kariga tiegħu fi ħdan id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili mis-sitta (6) ta' Diċembru 2015 sat-tnejn (2) ta' Jannar 2017 u dan minħabba illi kien għaddej minn proċeduri Kriminali fil-konfront tiegħu. Illi waqt dan il-perjodu huwa rċieva nofs is-salarju li kien intitolat għalih *ai termini* tar-regolament 12(5) tar-regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Illi wara s-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet *"Il-Pulizija (Spettur Yvonne Farrugia*) Vs *Peter Paul Mercieca et"* datata 27 ta' Ottubru 2016 fejn l-Onorabbli Qorti ma sabitx lill-esponenti ħati tal-akkużi fil-konfront tiegħu, l-esponent idderiġa ruħu fit-13 ta' Jannar 2017 sabiex effetwa l-pagament ta' sebat elef sitt mija u erbgħa u ħamsin ewro u tnejn u tletin ċenteżmu (€7,654.32) u ċjoè l-ammont li jkopri n-nofs l-ieħor tal-paga b'mod komplessiv u dan *ai termini* tar-regolament 12(7) tar-regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Vide *transfer voucher* u s*alary statement* annessi u mmarkati Dok 'CPD 1');

3. Illi skont il-*Public Service Management Cod*e (PSMC) speċifikament l-artikolu 2.5 intitolat *deduction of Allowan*ces jgħid illi:

> *"Allowances are paid for actual work performed and they should be immediately withheld when such work is not being performed. All allowances should cease immediately in the following instances:*
>
> 1. *When an officer is on leave without pay,*
> 2. *When the actual performance of particular work for which an allowance is paid is no longer performed, for example, when the performance of obnoxious duties or disturbance to perform duties outside one's normal working schedule ceases, and*
> 3. *During pre-retirement leave. Officers on a performance agreement are not excluded from availing themselves of pre-retirement leave, but all allowances should be withheld while they are on pre-retirement leave. Allowances for officers on a performance agreement include all supplementary payments and other benefits payable in terms of the Performance Agreement, over and above the basic salary.*
>
> *All automatic or fixed allowances, which are specifically incorporated in the pay package, will not be deducted for absences owing to vacation leave, public holidays, fifteen (15) days of sick leave (whether taken at a stretch or otherwise), marriage/civil union leave, maternity leave, paternity leave, adoption leave, bereavement leave and thirty (30) days special sick leave owing to injury specifically attributable to duty in every calendar year. Apart from arrangements covered by the Classification Agreements, payment of allowances should be withheld for any other absences, whatever the reason, apart from arrangements covered by the Sectoral Agreements.*

*Allowances should be deducted when public officers are on un/paid leave on grounds of public policy. The qualification allowance should continue to be paid when officers are on paid leave on grounds of public policy. However, it should be withheld when officers, on paid leave on grounds of public policy, are absent beyond the limits set in the preceding paragraph. Allowances are not deducted during duty leave.*"
(Sottolinjar tal-esponent)

Illi huwa paċifiku illi l-attur waqt li kien qiegħed sospiż ma kienx qiegħed iwettaq id-dmirijiet tiegħu. Fl-isfond tal-artikolu hawn fuq ċitat, dina l-Onorabbli Qorti tista' tasal għall-konklużjoni illi kwalunkwe allegat *allowanc*e mitlub mill-attur mhux dovut ġa ladarba l-attur ma wettaqx id-dmirijiet tiegħu fil-perjodu suċċitat u illi tali assenza ma tinkorporax fiċ-ċirkostanzi tassativi illi l-istess artikolu jirrileva sabiex l-*allowance* effetivament jitħallas;

4. Illi permezz ta' *letter of appointment* datata 6 ta' Lulju 2007, l-attur ġie mlaħħaq *Leadin*g A*ssistance and Rescue Officer* fi ħdan id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, fejn l-istess Attur ġie mgħarraf bis-salarju spettanti lilu (anessa u mmarkata bħala Dok "CPD 2A");

5. Illi *di piú* l-kuntratt tal-attur tal-15 ta' Frar 1999 (anness u immarkat bħala Dok "CPD 2B") iffirmat miż-żewġ partijiet jindika speċifikament fil-paragrafu sitta (6) illi "*L-Uffiċjal huwa soġġett għar Regolamenti kollha li jkunu qegħdin iseħħu dwar is-servizz pubbliku...*";

6. Illi l-esponent jissottometti illi għaldaqstant l-ebda ammont mhu dovut lill-attur għal perjodu illi hu kien sospiż mill-impjieg tiegħu mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili;

7. Illi Dr Charlon Gouder għan-nom tal-attur stess kiteb lid-Dipartiment ikkonċernat fl-20 ta' Ġunju 2017 (kopja tal-ittra bonarja annessa u mmarkata bħala Dok "CPD 3") fejn indika illi l-ammont pretiż mir-rikorrent kellu jkun dak ta' ħdax-il elf mitejn u sittax-il ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€11,216.48) u mhux l-ammont

ta' sebat elef sitt mija u erbgħa u ħamsin ewro u tnejn u tletin ċenteżmu (€7,654.32) rappreżentanti n-nofs is-salarju tal-attur għall-perjodu illi huwa kien sospiż (mis-sitta [6] ta' Diċembru 2015 sat-tnejn [2] ta' Jannar 2017). Dan ifisser illi fi kwalunkwe każ jeżisti xi ammont dovut *dato ma non concesso* l-attur ċertament ma jistax jitlob l-ammont ta' ħdax-il elf mitejn u sittax-il ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€11,216.48) għaliex huwa stess ametta illi kien qiegħed jippretendi s-somma ta' ħdax-il elf mitejn u sittax-il ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€11,216.48) u mhux is-somma ta' sebat elef sitt mija u erbgħa u ħamsin ewro u tnejn u tletin ċenteżmu (€7,654.32) kif ittrasferita lilu mill-esponent. Kien ir-rikorrent stess illi indika li skont hu hemm diskrepanza ta' madwar tlitt elef ħames mija u tnejn u sittin ewro u sittax-il ċenteżmu (€3,562.16) u mhux ta' ħdax-il elf mitejn u sittax-il ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€11,216.48);

8. Illi fir-rigward għat-talba għall-ħlas tas-spejjeż legali tal-attur fil-kawża *Il-Pulizija (Spettur Yvonne Farrugia) Vs Peter Paul Mercieca et"* l-esponent jirrileva illi fis-sentenza suċċitata dik il-Qorti ma ddeċidietx illi l-ħlas tal-ispejjeż legali għandhom jitħallsu mill-Pulizija (illi wara kollox ressqu lill-attur għall-proċeduri kriminali fuq suspett raġonevoli), wisq aktar mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili u għaldaqstant m'humiex dovuti mill-esponent.

   Illi *di piú* jingħad illi fi proċeduri ta' natura Kriminali ma toħroġx taxxa uffiċjali tal-ispejjeż legali kif normalment iseħħ wara sentenza minn Qrati Ċivili.

   Illi fi kwalunkwe każ din it-talba m'għandhiex issir quddiem Qorti Ċivili.

   Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirriżerva, illi wara li l-attur jirregola ruħu u jindika fuq liema bażi legali qiegħed jagħmel din it-talba, id-Dipartiment jirregola ruħu fir-rigward tal-istess talba;

9. Illi l-esponent jiċħad l-allegazzjonijiet li qed isiru fil-konfront tiegħu u jisħaq li r-rikorrent irid iġib prova ta' dak kollu li qed jiġi allegat minnu;

10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.'

4. Rat illi d-Dipartiment appellant appella mid-deċizjoni u ressaq tlett aggravji li in suċċinct jikkonsistu kif isegwi:

i) L-ewwel aggravju huwa bbażat fuq allegata interpretazzjoni ħażina tal-Liġi fejn id-Dipartiment appellant isostni li l-ewwel Qorti naqset milli tieħu konjizzjoni tar-Regolament tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (L.S. Kost. 3) li fuqu hija marbuta r-relazzjoni kuntrattwali bejn l-appellat rikorrent u d-Dipartiment appellant. Fil-fatt isostni li l-ewwel Qorti ma setgħetx tagħti lill-appellat l-ammont mitlub stante li skond ir-regolamenti applikabbli għall-kuntratt tax-xogħol tiegħu ma kinux jintitolawh għal dan. Partikolarment għaliex id-definizzjoni ta' salarju fir-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ma jinkludix *allowances*, sigħat *rostered*, *government bonuses*, *cost of living adjustments* u *leave* imma jinkludi s-salarju bażiku biss. Għalhekk l-appellant jinsisti li r-rikorrent fit-termini ta' dan ir-regolament, impjegat huwa intitolat għall-*allowances* li jmorru oltre' s-salarju bażiku biss għal xogħol li jsir meta fil-każ odjern dan ix-xogħol ma sarx. Jagħmel referenza għall-ġurisprudenza li ssostni li f'każijiet

bħal dak odjern, fejn il-jedd tar-rikorrent appellant għall-ħlas jemani minn dan ir-regolament u mhux minn proċeduri ta' tort jew delittwali, allura r-rikorrent għandu jkun intitolat biss għal dak li jipprovdi r-regolament u xejn aktar.

ii) Illi t-tieni aggravju huwa tista' tgħid kontinwazzjoni u konsegwenza tal-ewwel aggravju fejn permezz tiegħu d-Direttur appellant jallega interpretazzjoni żbaljata tal-fatti f'dik il-parti tad-deċizjoni fejn l-Ewwel Qorti waslet għall-konkluzjoni li s-sigħat imsejħa bħala 'over-time' fil-fatt kienu sigħat regolari tax-xogħol u għalhekk id-Dipartiment appellant kellu l-obbligu li jħallas ukoll għal dawn is-sigħat. Isosnti li l-'over-time' kien fil-fatt 'over-time' għaliex l-impjegati ma kinux obbligati li jagħmluh għalkemm ma kontx issib min jirrifjuta għaliex kien jaqblilhom jaħdmuh. Tant hu hekk li waqt azzjonijiet dixxiplinari kien jiġi propost li l-impjegati ma jaħdmux l-'over-time'. Jinsisti li l-prinċipju huwa li skont ir-Regolament imsemmi d-Dipartiment huwa obbligat biss li jħallas lura s-salarju bażiku. Jenfasizza wkoll li l-ewwel Qorti kienet żbaljata f'dik il-parti tad-deċizjoni tagħha fejn sostniet li kien jinkombi fuq id-Dipartiment intimat li jressaq prova dwar is-sigħat ta' 'over-time' li kieku kien jaħdem ir-rikorrent li kien sospiż stante li r-regola hija li l-prova jrid iġibha min jallegaha ċioe' f'dan il-każ ir-rikorrent.

iii) Illi t-tielet aggravju tad-Dipartiment appellat jirreferi għall-fatt li l-ewwel Qorti laqgħet dik il-parti tat-talba għall-ħlas lura lir-rikorrent ta'

spejjeż li hu allegatament ħallas relatati mal-proċeduri kriminali kontra tiegħu. Jinsisti li anki f'dan il-każ l-ewwel Qorti għamlet ħażin li tefgħet l-oneru tal-prova fuq id-Dipartiment intimat meta kien ċar mill-provi li ma kienx id-Dipartiment li ressaq lir-rikorrent il-Qorti, anzi hu sar jaf permezz ta' ittra li konsegwenza tagħha kellu jissospendi lir-rikorrent mingħajr ma għamel investigazzjoni hu għaliex ir-regolament hekk jimponi. Iżid li tant hu hekk li malli ġie liberat, fit-termini tal-istess Regolament tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku neħħa s-sospensjoni tal-appellat u rreintegrah fis-servizz. Iżid li kienet l-istess Qorti Kriminali li wkoll ma attribwietx l-ispejjeż lill-Pulizija jew lid-Dipartiment u għalhekk ma jistax jiġi ordnat iħallas l-ispejjeż lir-rikorrent meta hu mexa biss skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi applikabbli għalih.

Finalment id-Dipartiment appellat allura talab li din il-Qorti tilqa' l-appell tiegħu u tħassar, tirriforma u tvarja s-sentenza appellata billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-appellanti bl-ispejjeż taż-żewg istanzi kontra r-rikorrent appellat.

5. Rat illi l-appellat wieġeb illi preliminarjament l-appell kellu jiġi intavolat fil-Qorti tal-Appell Inferjuri Għawdex u mhux Malta (kwistjoni li ġiet sorvolata billi l-appell intbagħat appuntu quddiem din il-Qorti) u wkoll fil-mertu illi s-sentenza tal-ewwel Qorti għandha tiġi konfermata stante li hija waħda ġusta u ma hemm l-ebda bażi legali li fuqha għandha tiġi mibdula l-istess deċizjoni.

6. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet fis-seduta tal-4 ta' April, 2023 u ddifferiet l-appell għal-lum għad-deċiżjoni. Rat l-atti kollha tal-Ewwel Qorti.

7. Illi l-Qorti rat li l-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha kif isegwi:

**Ikkunsidrat:**

**L-Azzjoni**

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qiegħed jitlob mill-intimat ħlas fis-somma ta' ħdax-il elf mitejn u sittax-il ewro (€11,216) rappreżentanti "*telf ta' allowances, siegħat rostered, government bonuses, cost of living adjustments u leave għall-perijodu mid-data tas-sospensjoni tiegħu mid-Dipartiment konvenut sat-2 ta' Jannar 2017*".

Id-Dipartiment konvenut eċċepixxa illi ebda ħlas m'huwa dovut lill-attur u dan peress illi l-attur diġà ġie mħallas l-ammonti kollha dovuti lilu. Id-Dipartiment żied jgħid illi skont il-kondizzjonijiet tal-impjieg li jirregolaw l-impjieg tal-attur, *una volta* sospiż huwa ma jkunx aktar intitolat għall-ħlasijiet addizzjonali kif qiegħed jippretendi l-attur.

**Il-Provi**

L-attur huwa impjegat fil-kariga ta' *leading assistant rescue officer* mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili ('id-Dipartiment'). Ilu fl-impjieg sa mis-sena 1999.

Il-proċeduri fil-konfront tal-attur kienu konsegwenzjali għal *change of duty* li l-attur u xi kollegi tiegħu għamlu għall-perjodu bejn id-9 ta' Diċembru 2008 u t-18 ta' Jannar 2009. L-attur xehed illi s-sistema taċ-

*change of duties* hija prassi regolari li tiġi prattikata fi ħdan id-Dipartiment wara li jkun inkiseb il-permess tas-superjuri. Żied jgħid illi l-proċeduri istitwiti fil-konfront tiegħu ma kienu xejn għajr vendetta personali diretta fil-konfront tiegħu u dan wara illi b'ittra anonima ġew lanċjati fil-konfront tiegħu diversi akkużi serji.

L-attur żied jgħid illi hu ma kien għamel xejn ħażin. Segwa proċedura li kienet regolarment applikata fid-Dipartiment. Jgħid illi li kieku d-Dipartiment investiga l-allegazzjonijiet anonimi qabel ma ħa passi fil-konfront tal-attur, ma kienx ikun hemm lok għas-sospensjoni u għall-piena emottiva li ġarrab meta spiċċa soġġett għall-proċeduri penali.

Fl-affidavit tiegħu l-attur spjega li n-natura tax-xogħol żvolt mill-ħaddiema tal-protezzjoni ċivili hija *sui generis* b'tant illi minħabba l-partikolarità tax-xogħol u sabiex jiġi assigurat li jkun hemm biżżejjed ħaddiema tal-protezzjoni ċivili disponibbli madwar il-gżejjer Maltin fuq bażi ta' erbgħa u għoxrin siegħa kuljum, dawn il-ħaddiem jaħdmu b'sistema ta' *roster* speċifiku. Spjega illi bħala medja, uffiċċjal tal-protezzjoni ċivili jaħdem sitta u ħamsin (56) siegħa fil-ġimgħa u kull ħaddiem irid jaħdem dawn is-sigħat. Jgħid illi ebda uffiċċjal mal-protezzjoni ċivili ma jista' jirrifjuta illi jaħdem dawk il-ħinijiet għaliex dan huwa parti integrali mill-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom. Jgħid għalhekk illi s-sigħat tax-xogħol ma jinkludux fihom sigħat ta' *overtime* li wieħed jista' jagħżel li jaħdimhom jew le. Dawn is-sigħat iridu jinħadmu b'mod obbligatorju.

L-attur xehed illi s-sospensjoni minnu mġarrba kienet waħda inġusta li ċaħħditu mill-paga regolari tiegħu.

Matul il-perjodu ta' sospensjoni l-attur kien qiegħed jipperċepixxi nofs il-paga. In-nofs l-ieħor mill-paga, u ċjoè s-somma ta' sebat elef sitt mija u erbgħa u ħamsin ewro u tnejn u tletin ċenteżmu (€7,654.32) tħallset lilu fit-13 ta' Jannar 2017.

L-attur qiegħed jippretendi ħlas ulterjuri fis-somma ta' ħdax-il elf u seba' mija u disgħa u sittin ewro u għaxar ċenteżmi (€11,769.10) rappreżentanti ħlas ta' ħinijiet addizzjonali li kieku mhux għaliex safa

sospiż kien ikollu jaħdimhom ta' bilfors u kien jitħallas tagħhom. L-attur qiegħed jitlob ukoll li jingħata total ta' tliet mija u tmien siegħa punt tmienja (308.8) ta' *leave* li ġie mċaħħad minnhom tul il-perjodu tas-sospensjoni. Jippretendi wkoll ħlas ta' spejjeż legali li inkorra inġustament fil-kors tal-proċeduri kriminali.

L-attur jgħid ukoll illi konsegwenza tas-sospenzjoni illi ġarrab huwa ġie mċaħħad minn promozzjoni.

B'sentenza tas-27 t'Ottubru 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Yvonne Farrugia) vs Peter Paul Mercieca et**, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ddikjarat li ma sabitx ħtija fl-imputati u lliberathom mill-akkużi kollha dedotti fil-konfront tagħhom. Il-Qorti wara li rat il-provi kollha sottomessi għall-ġudizzju tagħha, waslet għas-segwenti konklużjonijiet:

> *Dan il-kaz beda jkun investigat wara ittra anonima li ntbagħtet lill-Ministeru tal-Intern u lill-Media f'Dicembru 2013 dwar allegat kaz li jmur lura għal Dicembru 2008 u Jannar 2009. L-ammont ta' hlas allegat zejjed lil imputat Adeodato Spiteri kien ta' €1136.62*
>
> *...*
>
> *KONKLUZZJONIJIET:*
>
> 1. *Il-fatti f'dan il-kaz jikkoncernaw il-fatt li l-imputat Adeodato Spiteri kien siefer għal btala fl-Awstralja izda xorta tnizzel li rraporta għax-xogħol u rcieva l-paga.*
>
> 2. *Il-provi tal-Prosekuzzjoni kienu diretti sabiex jippruvaw dana l-istat ta' fatt.*
>
> 3. *L-attendance sheets li kienu jintbagħtu lis-Sezzjoni tas-Salarji ma kinux jirriflettu c-change of duties u dana għaliex tali change of duties kien johloq problema mas-sezzjoni tas-salarji meta kienu jinhadmu l-pagi.*

4. *Din is-sistema tac-change of duties kienet issir sabiex jigu zgurat li kull shift ikollu l-work compliment minimu li jirrikjedi.*

5. *Permezz ta' din is-sistema fejn ic-change of duties ma kinux jigu riflessi fir-roster li kienet tintbagħat mill-imputat Peter Paul Mercieca lis-sezzjoni tas-salarji tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili.*

6. *Ma jirrizultax li din il-prassi holoqha l-imputat Peter Paul Mercieca izda kienet working practice li kienet ilha fis-sehh u li kienet issir bil-kunsens tas-superjuri tiegħu.*

7. *Waqt dawn il-proceduri z-zewg imputati Mercieca u Spiteri telgħu jikkonfermaw il-kontenut tal-istqarrija tagħhom bil-gurament izda ebda domanda ma saritilhom f'dan ir-rigward.*

8. *L-imputat Peter Paul Mercieca lanqas kien kontro-ezaminat.*

9. *Kien fl-2010 meta nharget standing order minn Patrick Murgo li l-prassi nbidlet u dan wara li l-Awditur Generali gibed l-attenzjoni dwar il-fatt li c-change of duties ma kinux ikunu mnizzla fuq il-formola tal-attendenza.*

10. *Din l-istanding order iggib id-data tat-23 ta' Awwissu 2010, jigifieri sena u tmien xhur wara d-data tal-perijodu inkriminat.*

11. *Din l-istanding order titkellem wahedha u tikkonferma li fil-perijodu inkriminat ma kienx isir kif l-istanding order qed tesigi li jsir mit-23 ta' Awwissu 2010 'il quddiem.*

12. *Ir-rapport tal-Awditur, Annual Audit Report Public Accounts 2010 kien gibed l-attenzjoni għal tali stat ta' fatt taht l-intestatura Unofficial Replacement of Duties amongst Officers.*

13. *Ir-risposta tad-Dipartiment datata 22 ta' Settembru 2011 turi li kien biss f'dawn ix-xhur ta' qabel li bdew jiddahlu mizuri biex dawn ic-change of duties ikunu regolati billi tintalab awtorizzazzjoni bil-miktub u jkunu recorded bil-kitba u mhux bil-fomm jew fuq black board u wara ma jinzamm record ta' xejn (konfermat bix-xiehda ta' Charles Mercieca a fol. 227).*

14. *Is-sistema li kienet ilha fis-sehh ma kinitx ideali mill-att amministrattiv. U huwa sewwa li jkollok l-Awditur Generali li jigbed l-attenzjoni għal nuqqasijiet bhal dawn li wara jkunu rimedjati.*

15. *L-id mohbija wara l-ittra anonima li skattat dan il-kaz ma kitbitx l-ittra biex jitrangaw il-proceduri li kienu jintuzaw, kieku din l-ittra kellha tinkiteb fl-2009 u mhux erba' snin wara meta l-procedura kienet irrangata fuq rakkomandazzjoni tal-Awditur Generali. Min kiteb l-ittra anonima baqa' mohbi/mohbija ried/riedet j/tagħmel vendetta personali fejn b'id wahda jallega/tallega mal-awtoritajiet u min-naha l-ohra jorkestra/torkestra kampanja ta' thaggir fil-media, u flok laqat/laqtet persuna wahda laqat/laqtet tnejn. Min kiteb l-ittra ried jagħmel hsara personali u mhux li jara li l-Gvern ma jmurx minn taht bi prassi li kienu jintuzaw snin ilu u li ilhom li trangaw.*

16. *Il-Qorti ssostni li investigazzjoni aktar profonda kienet twassal f'sitwazzjoni fejn l-imputati ma kienx ikollhom għalfejn jgħaddu mill-martirju ta' proceduri penali. L-aktar, l-aktar jekk jirrizulta li kien hemm xi hlas zejjed ta'* ***elf mija u sitta u tletin ewro u tnejn u sittin centezmu*** *(€1136.62) dawn kellhom ikunu rkuprati b'mezzi amministrattivi.*

**Din is-sentenza ma ġietx appellata.**

**Joseph Xerri**, *Salaries Manager*, xehed illi matul il-perjodu li fih l-attur kien sospiż mix-xogħol huwa tilef l-eluf "*għas-sempliċi fatt illi s-sistema tal-ħaddiema tal-protezzjoni ċivili tinħadem billi tkun, huma jaħdmu bix-shift, erbgħa u għoxrin siegħa ġewwa u tmienja u erbgħin barra. Allura, f'kull shift bejn id-disgħa u nofs (9:30pm) u nofs il-lejl (00:00) dawk jiġu overtime għalihom, f'kull shift, every three days. Imbagħad shift kull erba' darbiet ikollhom minn nofs il-lejl sas-sebgħa ta' filgħodu bħala overtime ukoll, mhux kull shift iżda wieħed iva u tlieta le*." Spjega illi li kieku l-attur ħadem il-perjodu kollu ta' sospensjoni huwa kien intitolat jirċievi s-somma ulterjuri ta' ħdax-il elf erba' mija u tmintax-il ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€11,418.76).

Xerri spjega illi għalkemm huwa użu l-kelma '*overtime*', fir-realtà dan mhuwiex *overtime* iżda *roster* mandatorju għall-uffiċjali kollha tal-protezzjoni ċivili u dan għaliex l-imsemmija uffiċjali m'għandhomx dritt jagħżlu jekk jaħdmux dawn is-sigħat jew le. Spjega illi r-raġuni għaliex tintuża l-kelma '*overtime*' hija dovuta unikament għall-burokrazija interna dovut għall-manjiera ta' kif taħdem is-sistema tal-kalkolu tal-pagi.

**Clayton Baldacchino** huwa inkarigat mill-*vacation leave records*. Xehed illi għall-perjodu kollu tas-sospensjoni inkluż ħdud u festi, l-attur kien intitolat komplessivament għal tliet mija u tmienja u erbgħin punt għoxrin 348.20 f'*leave entitlement*. Spjega illi meta l-attur daħal lura huwa ġie mogħti lura disgħa u tletin punt erbgħa żero (39.40) f'sigħat ta' *vacation leave*. Dawn is-sigħat jirrappreżentaw *basic vacation leave* għas-sena 2015 li l-attur ma laħaqx utilizza qabel ġie sospiż. L-attur ingħata wkoll *full entitlement* għas-sena 2017 u dan għaliex irritorna lura għax-xogħol fit-2 ta' Jannar 2017. Madanakollu l-attur ġie mċaħħad mil-*leave entitlement* ta' ġranet ta' xogħol li jaqgħu fi ħdud u festi li għall-perjodu kollu bejn il-5 u l-31 ta' Diċembru 2015 jammontaw għal tlieta u għoxrin siegħa punt erbgħa żero (23.40). L-attur tilef ukoll il-*leave entitlement* għas-sena 2016 u ċjoè total ta' mitejn u tmienja u ħamsin siegħa punt tmienja żero (258.80). Spjega illi b'*e-mail* tal-11 ta' Jannar 2017, Loredana Muscat mill-Uffiċċju tal-

Prim'Ministru bagħtet tgħid lil Gillian Carbone, Manager fl-amministrazzjoni tad-Dipartiment konvenut, illi:

> *"Vacation leave entitlement period in respect during which an officer was temporary suspended should be forfeited irrespective of whether or not an officer or not was acquitted from the criminal charges brought against."*

Baldacchino xehed illi jekk wieħed jikkonverti fi flus l-ammont ta' sigħat li l-attur tilef f'*vacation leave*, dawn jammontaw għas-somma ta' elfejn ħames mija u tmien ewro (€2,508).

**In kontro-eżami** xehed illi sabiex jikkwalifika għall-*allowances* u *overtime* il-ħaddiem irid ikun preżenti fuq il-post tax-xogħol u jaħdem dawk is-sigħat. Il-benefiċċji jintilfu jekk il-ħaddiem ma jirrapurtax għax-xogħol.

**Peter Paul Mercieca** kkonferma illi fiż-żmien meta l-attur ġie sospiż mix-xogħol il-prattika adoperata kienet li l-ħaddiema jirranġaw *change of duty* bejniethom. Dwar dan ma kinux jinżammu *records* uffiċjali. Kollox kien imħolli f'idejn l-impjegati sabiex jirranġaw bejniethom dwar meta jidħlu xogħol. Din is-sistema damet titħaddem is-snin u dejjem saret bil-barka tal-Kap
tal-Protezzjoni Ċivili li dak iż-żmien kien is-Sur Peter Cordina. Din il-proċedura maż-żmien inbidlet u beda jiġi mitlub li *kull change of duty* issir bil-miktub.

Spjega illi abbażi ta' ittra anonima kienu nbdew proċeduri legali fil-konfront tiegħu u tal-attur. Xehed illi meta s-Sur John Rizzo, dak iż-żmien Kap tal-Protezzjoni Ċivili kien bagħat għalih, Mercieca talbu jivverifika mas-Sur Cordina dwar kif kienet il-proċedura tac-*change of duties* fiż-żmien inkriminat. Jgħid illi ma saret ebda verifika u miflok il-każ ġie mgħoddi lill-Pulizija Eżekuttiva għall-investigazzjoni tagħha.

**Emanuel Psaila**, direttur tal-Protezzjoni Ċivili xehed illi *una volta* illi ġie liberat mill-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu, l-attur reġa' daħal

lura għax-xogħol fl-istess grad illi kien jokkupa qabel is-sospensjoni. Minnufih malli daħal lura għax-xogħol l-attur irċieva rifużjoni tal-paga bażika li kien intitolat għaliha skont il-liġi. Spjega illi l-attur ma tħallasx għal-*leave*, *sick leave*, *extras*, *overtime*, Ħdud u festi għar-raġuni li ma kienx intitolat għal tali ħlas ladarba ma kienx qiegħed jirraporta għax-xogħol.

**In kontro-eżami** kkonferma illi n-numru ta' sigħat indikati bħala *overtime* huma fil-fatt sigħat normali tax-xogħol. Spjega illi l-kuntratt tal-impjieg tal-uffiċjali tal-protezzjoni ċivili jistipola li l-ġimgħa tax-xogħol hija twila sitta u erbgħin (46) siegħa. Għal dan ir-raġuni s-sigħat addizzjonali bdew jitniżżlu bħala *overtime* anki jekk in effetti kienu parti mir-*roster* u ebda uffiċjal ma seta' jirrifjuta li jaħdem dawk is-sigħat. Spjega illi din il-prassi damet fis-seħħ għal medda ta' madwar għoxrin (20) sena sakemm inbidlet fis-sena 2021.

**Charmaine Busato**, *Direttur People Support and Wellbeing*, hija inkarigata fost l-oħrajn mill-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-impjegati pubbliċi. Spjegat illi d-deċiżjoni jekk impjegat jiġix sospiż mix-xogħol hija deċiżjoni li tispetta lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Żiedet tgħid illi hija l-prerogattiva tal-Kap tad-Dipartiment jekk jissospendix lill-impjegat b'mod prekawzjonali pendenti l-eżitu tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni. Waqt sospensjoni prekawzjonali l-impjegat huwa intitolat għal nofs il-paga bażika. Jekk il-Kummissjoni ma tapprovax is-sospensjoni, in-nofs tas-salajru miżmum jiġi rifuż lura lill-impjegat.

Il-proċedura dwar is-sospensjoni prekawzjonali hija stipultata taħt ir-regolamenti 12 u 13 tar-Regolamenti tal-Proċeduri tad-Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tal-2017. Spjegat illi skont it-Taqsima numru 2.5 tal-*Manual of Allowances*, l-*allowances* jitħallsu biss għax-xogħol illi jkun sar realment. Spjegat illi peress illi l-*overtime* huwa xogħol illi jsir wara l-ħinijiet normali tax-xogħol, dan ix-xogħol ma jistax isir waqt illi impjegat huwa sospiż mix-xogħol.

Fir-rigward tal-attur xehdet illi fit-2 ta' Diċembru 2015 ingħatat l-approvazzjoni sabiex l-attur ikun sospiż mix-xogħol. In vista tal-eżitu

tal-proċess kriminali, fl-14 ta' Diċembru 2016 ġie approvat illi s-sospensjoni tal-attur titneħħa u li huwa jitħallas lura n-nofs mis-salarju li kien miżmum tul il-perjodu tas-sospensjoni.

**Kunsiderazzjonijiet**

Id-Dipartiment konvenut eċċepixxa illi l-attur m'hu intitolat jirċievi ebda ħlas ulterjuri għaliex dak kollu li kien intitolat għalih diġà ġie rifuż minnufih malli daħal lura għax-xogħol. Ix-xhieda kollha għad-dipartiment konvenut jibbażaw l-argument tagħhom fuq il-fatt illi l-attur irċieva l-ħlasijiet kollha dovuti lilu bħala paga bażika u li ebda ħlas ta' *leave*, *overtime* u *allowances* oħra ma huma dovuti ġaladarba l-attur kien sospiż u allura ma ħadimx f'dak il-perjodu.

Il-Qorti mhijiex sejra tinoltra fil-mertu tas-sospensjoni għaliex din il-kwistjoni diġà ġiet trattata u deċiża mill-Qorti kompetenti. L-attur ġie liberat mill-akkużi kollha dedotti fil-konfront tiegħu b'dik l-istess Qorti tiġbed l-attenzjoni għall-fatt illi li kieku saret investigazzjoni interna adegwata, l-attur ma kienx jiġi soġġett għall-proċeduri legali.

Qabel xejn, il-Qorti sejra tagħmel referenza għar-regolamenti li saret referenza għalihom mid-Dipartiment.

Skont id-definizzjoni ta' 'salarju' kif mogħtija fit-termini tar-Regolament 2 tar-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar id-Servizz Pubbliku (L.S. Kost. 03) il-kelma salarju tirreferi għal salarju bażiku.

Id-Dipartiment għamel ukoll referenza għar-Regolament numru 2.5 tal-*Manual of Allowances* li jipprovdi illi:

> *"Allowances are paid for actual work performed and they should be immediately withheld when such work is not being performed. All allowances should cease immediately in the following instances:*

1. *When an officer is on leave without pay;*
2. *When the actual performance of particular work for which an allowance is paid is no longer performed, for example, when the performance of obnoxious duties or disturbance to perform duties outside one's normal working schedule ceases; and*
3. *During pre-retirement leave, officers on a performance agreement are not excluded from availing themselves of pre-retirement leave, but all allowances should be withheld while they are on pre-retirement leave. Allowances for officers on a performance agreement include all supplementary payments and other benefits payable in terms of the Performance Agreement, over and above the basic salary.*

   *All automatic or fixed allowances, which are specifically incorporated in the pay package, will not be deducted for absences owing to vacation leave, public holidays, fifteen (15) days of sick leave (whether taken at a stretch or otherwise), marriage/civil union leave, parent leave, leave for medically assisted procreation (I.V.F. leave), adoption leave, bereavement leave and thirty (30) days special sick leave owing to injury specifically attributable to duty in every calendar year. Apart from arrangements covered by the Classification Agreements, payment of allowances should be withheld for any other absences, whatever the reason, apart from arrangements covered by the Sectoral Agreements.*

   *In cases of maternity leave, all automatic or fixed allowances which are specifically incorporated in the pay package shall not be deducted during such leave with the exception of work and performance related bonuses or allowances, or attendance after normal office hours.*

*Allowances should be deducted when public officers are on un/paid leave on grounds of public policy. The qualification allowance should continue to be paid when officers are on paid leave on grounds of public policy. However, it should be withheld when officers, on paid leave on grounds of public policy, are absent beyond the limits set in the preceding paragraph. Allowances are not deducted during duty leave."*

Saret ukoll referenza għar-Regolament 12 paragrafi (5) u (7) tar-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Ir-regolamenti msemmija jaqraw hekk:

*(5) Uffiċjal pubbliku li jiġi sospiż għal għanijiet prekawzjonarji għandu jirċievi nofs is-salarju tiegħu kemm-il darba l-Kummissjoni, wara li jkunu ġew ikkunsidrati s-sottomissjonijiet magħmula mill-uffiċjal sospiż skont is-subregolament (1) u wara li tikkonsulta mal-Kap tas-Servizz Pubbliku, ma tapprovax li huwa jirċievi proporzjon ogħla tas-salarju.*

*...*

*(7) Jekk uffiċjal li kontra tiegħu tkun inbdiet u tkun pendenti azzjoni dixxiplinarja jew kriminali, jieqaf mis-servizz qabel ma dik l-azzjoni tintemm, kull salarju li jkun ġie miżmum bħala riżultat tas-sospensjoni prekawzjonarja tiegħu m'għandux jingħatalu lura kemm-il darba ma jiġix liberat mill-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Jekk l-uffiċjal imut waqt li l-proċedimenti jkunu għadhom pendenti, kull salarju li jinżamm bħala riżultat tas-sospensjoni prekawzjonarja tiegħu għandu jingħata lura lill-eredi tiegħu: Iżda meta uffiċjal li kellu s-salarju tiegħu miżmum bħala riżultat tas-sospensjoni prekawzjonarja tiegħu jieqaf mis-*

*servizz qabel ma jinħarġu l-akkużi dixxiplinarji jew kriminali, allura l-uffiċjal għandu jingħata lura s-salarju li kien inżamm milli jingħatalu matul il-perjodu tas-sospensjoni prekawzjonarja tiegħu.*

Il-kontestazzjoni prinċipali bejn il-partijiet hija dwar in-natura tas-sigħat ta' xogħol addizzjonali. Id-Dipartiment iqis dawn is-sigħat bħala *overtime* u allura bħala *allowance* li tintilef tul il-perjodu ta' sospensjoni.

'*Allowance*' hija mifhuma bħala benefiċċju monetarju li min iħaddem jagħti lill-impjegati tiegħu '*over and above*' is-salarju. Fil-fatt, taħt is-sezzjoni numru 1.3 intitolata '*Definitions*', '*allowance*' hija mfissra bħala:

> *Financial remuneration paid in addition to the basic salary which may also include expenses for travel, rent, and subsistence, or for the performance of higher or dangerous duties, special functions or the attainment of qualification.*

Id-Dipartiment ma ressaq ebda prova sabiex juri x'*allowances* igawdi minnhom l-attur.

Mill-provi mressqa jirriżulta ampjament ippruvat illi l-ħinijiet tax-xogħol tal-uffiċjali tal-protezzjoni ċivili huma *sui generis* stante illi minħabba l-esiġenzi partikolari tax-xogħol, dawn l-uffiċjali jaħdmu b'sistema ta' *roster* li jirrikjedihom ikunu fiżikament preżenti fuq il-post tax-xogħol għal ħinijiet twal ħafna. Ġie stabbilit illi l-kuntratt tal-impjieg tal-uffiċjali msemmija jistipola espressament illi dawn l-uffiċjali huma rikjesti jaħdmu sitta u erbgħin (46) siegħa fil-ġimgħa. Il-Qorti tosserva illi dan id-dettal illi ħareġ mix-xhieda ta' Emanuel Psaila la ġie kontrastat u lanqas korroborat stante illi xejn minn dan ma jirriżulta mill-kuntatt tal-impjieg tal-attur.

Mix-xhieda tal-uffiċjali mill-*Human Resources Department* fi ħdan id-dipartiment, kif ukoll mix-xhieda tal-kap attwali tad-Dipartiment tal-

Protezzjoni Ċivili jirriżulta ampjament ippruvat illi għalkemm il-ħinijiet addizzjonali li jaħdmu l-uffiċjali tal-protezzjoni ċivili huma msejħa bħala *overtime*, fir-realtà dawn il-ħinijiet mhumiex '*overtime*' fis-sens proprju tal-kelma. Ġie mfisser illi tintuża l-kelma *overtime* għal raġuni purament burokratika u interna tal-istess dipartiment u dan għaliex is-sistema dwar il-kalkolu tal-paga taħdem b'mod partikolari fejn sabiex jiġi kkalkolat is-salarju, is-sigħat li jaqbżu l-ħinijiet normali tal-impjieg iridu jiġu mniżżla fis-sistema bħala *overtime*. Ġie wkoll imfisser illi l-uffiċjali tal-protezzjoni ċivili ma jgawdu ebda diskrezzjoni dwar jekk jaħdmux dawn is-sigħat. Kull uffiċċjal huwa marbut jaħdem dawk is-sigħat bħala parti mill-kundizzjonijiet tal-impjieg tiegħu.

Huwa abbażi ta' dan il-kunċett illi l-attur qiegħed javvanza l-pretensjoni tiegħu u fir-rigward tas-salarju li ġie mċaħħad minnu jgħid illi li kieku ma ġiex sospiż huwa kien ikun kostrett jaħdem dawk is-sigħat fir-*roster* tiegħu u għalhekk il-ħlas għal dawk is-sigħat irid jitħallas qua parti integrali mis-salarju bażiku tiegħu.

Huwa prinċipju kardinali fil-ġurisprudenza illi min jallega jrid jipprova. F'dan il-każ huwa konvenut illi qiegħed jallega li ebda ammont ulterjuri ma huwa dovut lill-attur u għalhekk kien jinkombi fuq l-istess dipartiment illi jagħmel il-prova ta' dan. Kien ikun utli għat-teżi tal-konvenut li kieku ppreżenta kopja tal-kundizzjonijiet tax-xogħol li jirregolaw dak l-impjieg partikolari. Kien ukoll ikun utli li kieku ġiet ippreżentata skaletta tal-paga fejn jiġi indikat is-salarju tal-attur għaż-żmien mertu ta' din il-vertenza. Madanakollu, nonostante l-utilità ta' tali provi, il-konvenut għażel li ma jressaq xejn minn dawn il-provi. Fil-fatt jirriżulta biss illi l-konvenut ippreżenta kopja tal-kuntratt t'impjieg tal-attur liema kuntratt imur lura għas-sena 1999. Dan il-kuntratt jikkonsisti sempliċement f'folja u nofs stampati u fih, apparti li jingħad x'paga beda biha l-attur, jgħid ukoll illi kull tant snin jitla' fi skala ta' salarju. Mill-istess kuntratt jirriżulta wkoll illi l-attur "*jkun meħtieġ jaħdem sistema ta' xift mit-Tnejn sal-Ħadd*." Il-kuntratt ma jagħmel ebda referenza għan-numru ta' sigħat li uffiċċjal tal-protezzjoni ċivili huwa marbut illi jaħdem.

Fatti dawn l-osservazzjoni, il-Qorti trid issa tgħaddi għall-kunsiderazzjonijiet tagħha esklussivament abbażi ta' dak illi jirriżulta mill-atti. Din il-Qorti hija tal-fehma preponderata li dawk is-sigħat li jissejħu bħala *overtime* fil-fatt m'huma xejn ħlief sigħat regolari tax-xogħol. L-użu tal-kelma *overtime* m'huwa xejn għajr burokrazija interna dovuta għall-fatt illi s-sigħat li jaħdmu l-uffiċjali tal-protezzjoni ċivili huma itwal minn dawk stabbiliti bil-liġi. Di konsegwenza, kellu ta' bilħaqq jinstab mod dwar kif id-Dipartiment idur ma din il-kwistjoni senjatament minħabba s-sistema li biha jinħadem is-salarju.

Stabbilit dan il-punt, il-Qorti tqis illi d-Dipartiment żbalja meta ċaħħad lill-attur mis-salarju għas-sigħat ta' xogħol addizzjonali. Tgħid dan għaliex li kieku ma kienx għas-sospensjoni tiegħu mill-impjieg, l-attur ma kien ikollu ebda għażla ħlief illi jaħdem dawk is-sigħat addizzjonali sempliċement għaliex dawn huma parti integrali u mandatorji mir-*roster* u mill-ħinijiet tax-xogħol tiegħu. Huma x-xhieda tad-Dipartiment konvenut stess illi kkonfermaw illi l-uffiċjali ma jgawdu ebda diskrezzjoni dwar jekk jaħdmux dawn is-sigħat jew le. Konsegwentement, ladarba dawn is-sigħat huma parti mill-ħinijiet li kull uffiċċjal tal-protezzjoni ċivili huwa mitlub illi jaħdem, is-salarju għal dawn is-sigħat jifforma parti integrali mis-salarju bażiku. Għalhekk, id-Dipartiment konvenut ma kienx korrett meta ċaħħad lill-attur mis-salarju għal dawn is-sigħat.

Joseph Xerri xehed illi "*Li kieku Spiteri baqa jaħdem b'din ir-roster normali tal-Protezzjoni Ċivili ... It-total globali jiġifieri r-roaster allowance flimkien mal-overtime, ... hija ta' ħdax-il elf u erba' mija u tmintax-il ewro (€11,418).*"

Huwa prinċipju kristallizzat dak illi jgħid illi l-Qorti marbuta tiddeċiedi dwar it-talbiet u l-eċċezzjonijiet kif dedotti. Fir-rikors li bih inbdew il-proċeduri odjerni l-attur qiegħed jitlob lura ħlas fis-somma ta' ħdax-il elf mitejn u sittax-il ewro (€11,216). L-attur jindika pretensjoni ben preċiża f'somma speċifikament indikata. Imkien ma jagħmel aċċenn għal somma verjuri li tista' tiġi stabbilita fil-kors tal-kawża. F'dan ir-rigward għalhekk, għalkemm jirriżulta illi attwalment l-attur kien intitolat għas-somma akbar u ċjoè għas-somma ta' ħdax-il elf erba' mija u tmintax-il ewro (€11,418), ġaladarba huwa talab ħlas

fis-somma ta' ħdax-il elf mitejn u sittax-il ewro (€11,216), u ladarba l-Qorti diġà stabbiliet illi l-attur għandu jedd għal ħlas ulterjuri, il-Qorti hija marbuta tilqa' t-talba kif dedotta u ċjoè illi l-ammont dovut lill-attur huwa dak fl-ammont ta' ħdax-il elf mitejn u sittax-il ewro (€11,216) hekk kif minnu pretiż u indikat.

Fl-affidavit tiegħu l-attur qiegħed jindika wkoll illi jippretendi riżarċiment monetarju għal-*leave entitlement* li tilef tul il-perjodu kollu ta' sospensjoni. Tajjeb jingħad però illi din it-talba ma tirriżultax mir-rikors promotur. Huwa biss fl-affidavit tiegħu illi l-attur javvanza tali pretensjoni li fil-kors tal-proċeduri għamel mezz li jissostanzja u jipprova. Madanakollu, il-Qorti tirribadixxi illi huwa l-attur illi jistabbilixxi l-parametri tal-kawża u l-Qorti għandha l-obbligu li tiddeċiedi strettament dwar it-talbiet kif dedotti. Kien jinkombi fuq l-attur illi jagħraf jindika sewwa u fil-ħin propizju l-pretensjonijiet kollha tiegħu. La darba l-attur m'għarafx jagħmel dan issa m'għandu ebda għażla oħra għajr illi jġarrab il-konsegwenzi tan-nuqqasijiet tiegħu.

Fir-rikors promotur l-attur jgħid ukoll illi qiegħed jippretendi ħlas tal-ispejjeż legali minnu inkorsi fil-kors tal-proċess kriminali. Fl-affidavit tiegħu jindika li komplessivament din l-ispiża ammontat għas-somma ta' tlett elef ewro (€3,000) kif jidher mir-riċevuta fiskali relattiva li ġiet esebita in atti.

Id-Dipartiment eċċepixxa fost l-oħrajn illi din it-talba ma kellhiex issir quddiem din il-Qorti kif adita. Fl-istess waqt tenna jirriżerva l-pożizzjoni tiegħu in kwantu illi "*wara li l-attur jirregola ruħu u jindika fuq liema bażi legali qiegħed jagħmel din it-talba, id-Dipartiment jirregola ruħu fir-rigward.*" Minkejja din ir-riżerva, la l-attur ma spjega x'inhija sewwa sew il-bażi għal din it-talba u lanqas id-Dipartiment ma insista li l-attur jagħmel dan. Tajjeb jingħad illi d-Dipartiment konvenut lanqas biss għamel il-kontro-eżami tal-attur.

Il-Qorti tifhem illi tali talba tressqet għar-raġuni illi l-attur ġie liberat mill-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu u għaldaqstant qiegħed iqis l-ispejjeż minnu inkorsi f'dak il-kuntest bħala danni ċivili. Il-konvenut

fl-ebda waqt ma kkontesta jew ikkontrasta l-ammont li l-attur indika bħala nefqa fil-kors tal-proċeduri legali.

Il-Qorti tqis illi d-Dipartiment kellu kull opportunità illi jitlob spjegazzjoni aħjar mhux biss dwar il-bażi tat-talba tal-attur iżda wkoll dwar l-ispejjeż kollha rappreżentati fl-ammont reklamat. Dan ma sarx.

Eżaminati l-atti u ċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' dan il-każ, il-Qorti qiegħda tqis illi li kieku d-Dipartiment għaraf jimxi b'aktar għaqal l-attur ma kienx jiġi soġġett għall-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu. Dan il-punt ġie stabbilit anki mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Ottubru 2016.

Ferm il-premess, il-Qorti tqis illi l-attur għandu dritt illi jiġi kkumpensat għall-ispejjeż legali li inkorra inġustament u intortament.

Għalhekk, fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti sejra tilqa' t-talbiet attriċi kif dedotti u tordna lid-Dipartiment konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' ħdax-il elf mitejn u sittax-il euro (€11,216) rappreżentanti ħlas dovut għal sigħat ta' xogħol li hija tqis huma parti integrali mir-*roster* u ħinijiet tax-xogħol tal-attur, kif ukoll ħlas fis-somma ta' tlett elef ewro (€3,000) li l-attur inkorra fil-kuntest tal-proċeduri legali fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Paul Muscat et**.'

Din il-Qorti rat li konsegwenti għas-suespost l-ewwel Qorti għaddiet sabiex laqgħet it-talbiet tar-rikorrenti kif gia kwotat aktar 'il fuq.

8. Illi l-ewwel u t-tieni aggravji kif esposti mid-Dipartiment appellant jevolvu ruħhom madwar l-interpretazzjoni tar-Regolament tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (L.S. Kost. 03) liema regolament l-appellant jinsisti li mid-definizzjoni

ta' salarju jeskludi l-ħlas għal sigħat 'over-time'. Fil-fatt l-appellant jinsisti li d-definizzjoni ta' salarju fir-Regolament ma jinkludix *allowances*, sigħat rostered, *government bonuses*, *cost of living adjustments* u *leave* u jinkludi biss is-salarju bażiku. Jinsisti allura li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta' laqgħet it-talba wkoll għall-ħlas tal-'over-time' kif mitluba mir-rikorrent appellat. Permezz tat-tieni aggravju jsostni wkoll li l-ewwel Qorti ma setgħetx titfa l-oneru tal-prova dwar il-kalkolu tas-sigħat 'over-time' in kwistjoni fuq id-Dipartiment intimat.

Illi dwar dan il-punt l-ewwel Qorti, wara li għarblet sew il-bosta xhieda li tressqet quddiemha waslet għall-konklużjoni segwenti:

'Din il-Qorti hija tal-fehma preponderata li dawk is-sigħat li jissejħu bħala *overtime* fil-fatt m'huma xejn ħlief sigħat regolari tax-xogħol. L-użu tal-kelma *overtime* m'huwa xejn għajr burokrazija interna dovuta għall-fatt illi s-sigħat li jaħdmu l-uffiċjali tal-protezzjoni ċivili huma itwal minn dawk stabbiliti bil-liġi. Di konsegwenza, kellu ta' bilħaqq jinstab mod dwar kif id-Dipartiment idur ma din il-kwistjoni senjatament minħabba s-sistema li biha jinħadem is-salarju.

Stabbilit dan il-punt, il-Qorti tqis illi d-Dipartiment żbalja meta ċaħħad lill-attur mis-salarju għas-sigħat ta' xogħol addizzjonali. Tgħid dan għaliex li kieku ma kienx għas-sospensjoni tiegħu mill-impjieg, l-attur ma kien ikollu ebda għażla ħlief illi jaħdem dawk is-sigħat addizzjonali sempliċement għaliex dawn huma parti integrali u mandatorji mir-*roster* u mill-ħinijiet tax-xogħol tiegħu. Huma x-xhieda tad-Dipartiment konvenut stess illi kkonfermaw illi l-uffiċjali ma jgawdu ebda diskrezzjoni dwar jekk jaħdmux dawn is-sigħat jew le. Konsegwentement, ladarba dawn is-sigħat huma parti mill-ħinijiet li kull uffiċċjal tal-protezzjoni ċivili huwa mitlub illi jaħdem, is-salarju għal dawn is-sigħat jifforma parti integrali mis-salarju bażiku.

Għalhekk, id-Dipartiment konvenut ma kienx korrett meta ċaħħad lill-attur mis-salarju għal dawn is-sigħat.'

Illi din il-Qorti rat ukoll il-bosta xhieda mressqa quddiem l-ewwel Qorti li lkoll kienu b'xi mod rappreżentanti tad-Dipartiment intimat appellant li lkoll kienu vuċi waħda fejn xehdu li s-sigħat hekk imsejħa 'over-time' fir-roster ta' ħaddiema fil-pożizzjoni tar-rikorrent, ma kienu 'over-time' xejn iżda kienu meqjusa bħala sigħat normali ta' xogħol tant li kienu jitniżżlu mill-ewwel fir-'roster' u mhux isiru biss meta jkun hemm bżonn. Fil-fatt ġiet speċifikata l-importanza li dawn is-sigħat isiru għar-raġuni li l-impjieg ta' dawk fil-grad tar-rikorrent jiddependi fuq allokazzjoni ta' xogħol ta' '24 hour shift'. Ġie wkoll enfasizzat li dawn is-sigħat kienu jitniżżlu bħala 'over-time' għaliex is-sistema ma kinitx tippermetti li jitniżżlu mod ieħor. Huwa għalhekk ċar illi kieku r-rikorrent ma ġiex sospiż minn xogħolu huwa kien ikun 'rostered' ukoll għal dawn is-siegħat hekk imsejħa 'over-time' u mingħajr dubju kien jitħallas tagħhom.

Illi din il-Qorti f'dan l-istadju tagħmel referenza għad-dokument esebit a fol. 105 tal-proċess imsejjaħ 'Standing Order' u li jirreferi għall-'Overtime and Extra duty'. Dan id-dokument iġib id-data tat-18 ta' Jannar, 2019, u għalhekk wara li r-rikorrent odjern intavola l-kawża odjerna. F'din l-ittra d-Dipartiment jagħmel attentat sabiex jissalvagwardja ruħu minn talbiet simili għal dik tar-rikorrent odjern billi nforma lill-impjegati kif isegwi:

'In terms of the EU Working Time Directive no employee is obliged to work more than 48 hours per week except in cases of emergency. Therefore, all those employees who do not wish to work more than 46 hours peer week are requested to inform Station Officer Joseph Calleja by means of a subject form by not later than the 31st January 2019.'

Illi minn din il-parti biss tal-*istanding order* il-Qorti tqis li huwa rilevanti l-fatt li din id-direttiva ħarġet wara l-każ tar-rikorrent b'dana li allura aktar ħarġet ċara l-prova li qabel din id-direttiva l-'over-time' ma kien 'over-time' xejn iżda l-impjegat kien mistenni li jaħdmu daqs li kieku sigħat normali ta' xogħol. Il-Qorti iżda żżid billi tagħmel referenza għall-aħħar paragrafu ta' dan din l-*istanding order* li jaqra kif isegwi:

'Disciplinary action will be taken against those employees who refuse to perform additional hours in excess of the 46 hours per week without having forwarded their request to Station Officer Calleja as indicated above.'

Dan il-paragrafu jagħti evidenza ċara allura lil din il-Qorti li qabel din l-*istanding order,* ħadd ma seta jirrifjuta li jaħdem dawn is-sigħat addizzjonali, tant li anki wara din l-ordni min ma jimliex il-karta kien ser ikun soġġett għal azzjoni dixxiplinari. Dan aktar isaħħaħ il-konvinzjoni ta' din il-Qorti, bħal dik tal-ewwel Qorti, li dawk is-sigħat indikati bhaka 'OT' u cioe' 'over-time' fir-*rosters* tal-impjegati, inkluż

dawk tar-rikorrenti, ma kienu 'over-time' xejn iżda kienu ħinijiet normali tax-xogħol tagħhom b'dana li għandhom jiġu meqjusa bħala formanti parti integrali mis-salarju tiegħu ai fini ta' kalkolu ta' dak dovut lilu mid-Dipartiment.

Għaldaqstant din il-Qorti in vista' ta' dan suespost, fiċ-ċirkustanzi tad-Dipartiment partikolari, taqbel mal-interpetazzjoni mogħtija mill-ewwel Qorti li dawn is-sigħat effettivament kienu parti mis-salarju normali tar-rikorrent u ma għandhomx jaqgħu taħt l-esklużjonijiet tar-Regolament.

Illi dwar il-kalkolu u ta' dak dovut lir-rikorrent, din il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-każ u dak li jingħad fid-deċizjoni tal-ewwel Qorti, jirriżultalha li assolutament mhux minnu li l-ewwel Qorti tefgħet l-oneru tal-prova dwar il-kalkolu fuq id-Dipartiment. Fil-fatt jirriżulta mill-atti li tressqet prova speċifika li tagħti bl-eżatt l-ammont ta' sigħat li kieku kienu jitħallsu lir-rikorrent appellat. Dan jinsab esebit a fol. 104 tal-proċess esebita mix-xhud Joseph Xerri li jaħdem mad-Dipartiment intimat fuq il-pagi, liema xhud tressaq mir-rikorrent stess. Dan id-dokument jindika somma ta' ħdax-il elf, erba' mija u tmintax-il Euro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€11,418.76) u jirriżulta li l-ewwel Qorti korrettement ma straħietx fuq dan l-ammont iżda akkordat somma anqas stante li fit-talba promotorja kienet ġiet indikata somma anqas mill-istess rikorrent. Il-Qorti ghalhekk ma tqisx ukoll it-tieni aggravju bħala fondat.

Il-Qorti tgħaddi għar-raġunijiiet suesposti sabiex tiċħad l-ewwel u t-tieni aggravju tad-Dipartiment.

9. Illi t-tielet aggravju tad-Dipartiment appellant kif ġia suespost jirrivolvi madwar id-deċizjoni tal-ewwwel Qorti li laqgħet it-talba tar-rikorrent li jiġi rimborsat mid-Dipartiment is-somma ta' tlett elef Euro (€3,000) allegatament sborsati minnu waqt il-proċeduri kriminali meħuda fil-konfront tiegħu. Dwar dan l-ewwel Qorti ddikjarat kif isegwi:

'Id-Dipartiment eċċepixxa fost l-oħrajn illi din it-talba ma kellhiex issir quddiem din il-Qorti kif adita. Fl-istess waqt tenna jirriżerva l-pożizzjoni tiegħu in kwantu illi "*wara li l-attur jirregola ruħu u jindika fuq liema bażi legali qiegħed jagħmel din it-talba, id-Dipartiment jirregola ruħu fir-rigward*." Minkejja din ir-riżerva, la l-attur ma spjega x'inhija sewwa sew il-bażi għal din it-talba u lanqas id-Dipartiment ma insista li l-attur jagħmel dan. Tajjeb jingħad illi d-Dipartiment konvenut lanqas biss għamel il-kontro-eżami tal-attur.

Il-Qorti tifhem illi tali talba tressqet għar-raġuni illi l-attur ġie liberat mill-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu u għaldaqstant qiegħed iqis l-ispejjeż minnu inkorsi f'dak il-kuntest bħala danni ċivili. Il-konvenut fl-ebda waqt ma kkontesta jew ikkontrasta l-ammont li l-attur indika bħala nefqa fil-kors tal-proċeduri legali.

Il-Qorti tqis illi d-Dipartiment kellu kull opportunità illi jitlob spjegazzjoni aħjar mhux biss dwar il-bażi tat-talba tal-attur iżda wkoll dwar l-ispejjeż kollha rappreżentati fl-ammont reklamat. Dan ma sarx.

Eżaminati l-atti u ċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' dan il-każ, il-Qorti qiegħda tqis illi li kieku d-Dipartiment għaraf jimxi b'aktar għaqal l-attur ma kienx jiġi soġġett għall-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu. Dan il-punt ġie stabbilit anki mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Ottubru 2016.'

Illi din il-Qorti mill-proċess tal-ewwel Qorti rat li dwar din il-pretensjoni l-unika prova li ressaq ir-rikorrent appellat kienet irċevuta tal-Avukat Charlon Gouder għas-somma ta' tlett elef Euro (€3,000) maħruġa lir-rikorrent u fuqha ġew indikati l-kliem 'legal services-kumpilazzjoni' a fol. 84 u xejn aktar. L-ewwel Qorti stess ikkumentat li:

'la l-attur ma spjega x'inhija sewwa sew il-bażi għal din it-talba u lanqas id-Dipartiment ma insista li l-attur jagħmel dan.'

Illi ladarba l-istess Qorti qieset li r-rikorrent ma spjegax x'inhi l-bażi tat-talba tiegħu u wkoll ladarba mid-dokument uniku esebit mir-rikorrent ma rriżultax eżatt il-pretensjoni tar-rikorrent f'dan ir-rigward u kif dan il-ħlas fuq kollox kien dovut mid-Dipartiment intimat u mhux minn ħaddiehor (eżempju min b'mod unanimu rraporta lir-rikorrent b'dana li spiċċa kellu jgħaddi mill-proċeduri kriminali), din il-Qorti tqis li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta tefgħet l-oneru tal-prova fuq id-Dipartiment intimat. Huwa prinċipju kardinali li l-oneru tal-prova jinkombi fuq min jallega, f'dan il-każ, ir-rikorrent u ladarba r-rikorrent ma rnexxielux jipprova l-pretensjoni

tiegħu sal-grad rikjest mill-liġi, l-ewwel Qorti kellha tiċħad it-talba u mhux taqleb l-oneru tal-prova fuq id-Dipartiment intimat u minn fuq tgħid li ma għamilhiex. F'dan ir-rigward din il-Qorti allura tqis li dan it-tielet aggravju tad-Dipartiment appellant huwa ġustifikat u ser tgħaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Deċizjoni**

Għaldaqstant għar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tgħaddi sabiex taqta u tiddeċiedi l-appell kif isegwi:

(i) tilqa' *in parte* r-risposta tar-rikorrent appellat limitatament biss għall-ewwel u t-tieni aggravju tad-Dipartiment appellant u tiċħadha fil-bqija;

(ii) tiċħad l-ewwel u t-tieni aggravju tad-Dipartiment appellant;

(iii) tilqa' t-tielet aggravju tad-Dipartiment appellant;

(iv) konsegwentement tgħaddi sabiex tvarja d-deċizjoni appellata fl-ismijiet premessi billi tħassarha f'dik il-parti fejn ordnat il-ħlas lir-rikorrent mingħand id-Dipartiment intimat tas-somma ta' tlett elef Euro (€3,000) indikati bħala spejjeż legali tar-rikorrent appellat li allegatament inkorra fil-kuntest tal-proċeduri kriminali u tiċħad it-talba tar-rikorrent f'dan ir-rigward, filwaqt li tikkonferma fil-bqija d-deċizjoni tal-ewwel Qorti salv biss għad-dispożizzjoni dwar l-ispejjeż.

Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż kemm tal-ewwel istanza kif ukoll ta' din l-istanza għandhom jitħallsu ¾ mid-Dipartiment intimat appellant u ¼ mir-rikorrent appellat.

**(ft.) Onor. Joanne Vella Cuschieri**
**Imħallef**

**(ft.) Mary Jane Attard**
**Deputat Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**